MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 182/2014/1

**Rikors ta’**

**Francis Mifsud u Anthony Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat fil-25 ta' Frar 2014, li jaqra hekk:

"Illi fis-7 ta` Lulju 1973 huma t-tnejn flimkien bhala socji kienu kkostitwew *partnership en nom collectif* bl-isem ta` Chez Francis Hotel li kellha partnership number P341 (Dok FM1) ;

"Illi fid-9 ta` Lulju 1980 dina l-*partnership en nom collectif* giet konvertita f`kumpannija *(limited liability company)* bl-isem ta` Chez Francis Hotel Co. Limited li kellha company number C5083 (Dok. FM2) ;

"Illi fl-14 ta` Mejju 1998 dina l-kumpannija giet konvertita f`*partnership en nom collectif* bl-isem ta` Chez Francis Hotel li kellha *partnership number* P573 (Dok. FM3) ;

"Illi fis-6 ta` Mejju 2002 l-isem tal-*partnership en nom collectif* bin-numru P573 inbidel minn Chez Francis Hotel ghal A.F. Enterprises & Co. (Dok. FM4) ;

"Illi matul is-snin l-esponenti tramite l-*partnerships en nom collectif* u l-kumpannija fuq imsemmija akkwistaw diversi proprjetajiet immobbli, liema assi ddevolvew minn fuq wahda ghall-ohra skont il-konverzjoni li saret kif fuq spjegat, bil-konsegwenza illi dawn l-assi mmobbli gew jappartjenu lill-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co li ghandha l-partnership number P573 ;

"Illi fis-sena 2010 l-esponenti, bhala socji, qablu li l-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 ghandha tigi xolta u wkoll qablu dwar il-mod kif dana l-istralc kellu jsir ;

“Illi ghal dan il-ghan ftehmu fost ohrajn il-mod kif kellhom jinqasmu l-assi mmobbli appartenenti lill-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-partnership number P573 ;

“Illi ghal dan il-ghan huma talbu parir minghand l-awdituri taghhom li nfurmawhom li kellhom jersqu ghall-pubblikazzjoni ta` att pubbliku li permezz tieghu ssir l-assenjazzjoni tal-assi mmobbli appartenenti lill-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 ;

“Illi l-esponenti hekk ghamlu u fil-fatt inkarigaw lin-Nutar Anthony Abela sabiex jirredigi l-kuntratt pubbliku relattiv ;

“Illi l-esponenti in ko-proprjeta` kellhom proprjeta` immobbli ohra derivanti minn eredita` li huma wkoll xtaqu li jaqsmu u b`dana l-fatt infurmaw lin-Nutar Anthony Abela ;

“Illi fil-fatt l-esponenti dehru ghall-pubblikazzjoni ta` att pubbliku fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 25 ta` Ottubru 2010 (Dok. FM5) ;

“Illi wara l-pubblikazzjoni ta` dana l-att pubbliku, li permezz tieghu l-esponenti kienu qed jintendu li jigu assenjati lilhom l-assi immobbli appartenenti lill-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-partnership number P573, huma ssottomettew id-dokumentazzjoni relattiva lir-Registratur tal-Kumpanniji permezz ta` liema formalment innotifikaw lill-istess Registratur li l-istralc tal-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 kien gie konkjuz fis-7 ta` Frar 2011 u konsegwentement l-imsemmija *partnership* kienet giet xolta fl-imsemmija datat (Dok. FM6, Dok. FM7 u Dok. FM8) ;

“Illi bhala konsegwenza l-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 giet *“struck off”* mir-Registru (Dok. FM9) ;

“Illi fis-sena 2013 wiehed mill-esponenti gie biex ibigh wahda mill-proprjetajiet lilu assenjati permezz tal-kuntratt tal-25 ta` Ottubru 2010 u wara li saru r-ricerki

tat-titolu mill-akkwirent prospettiv ingieb ghall-attenzjoni tal-esponenti illi fid-devoluzzjoni tal-assi appartenenti lill-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 ghal favur tal-esponenti kien hemm att pubbliku nieqes ;

“Illi dana fis-sens illi l-assenzjazzjoni ossia t-trasferiment permezz ta` att pubbliku tal-beni mmobbli minn fuq isem l-imsemmija *partnership* ghal fuq isem l-esponenti personalment, skond il-qasma miftehmha, ma kinitx effettivament saret ;

“Illi minn qari tal-att pubbliku datat 25 ta` Ottubru 2010 effettivament irrizulta illi dak li sar permezz tal-imsemmi kuntratt kien illi saret qasma ta` beni mmobbli bejn l-esponenti, f`liema beni immobbli kien hemm inkluz il-proprjeta` apparentenenti lill-imsemmija *partnership* ;

“Illi izda t-trasferiment ossija assenjazzjoni minn fuq l-imsemmija *partnership* ghal fuq l-esponenti ma gietx inkluza fl-imsemmi kuntratt u dana ghalkemm fil-provenjenza hemm indikat kif giet akkwistata l-proprjeta` hemm diviza ;

“Illi essenzjalment ifisser li ghadu necessarju li jigi ppubblikat kuntratt li permezz tieghu l-proprjeta` appartenenti lill-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 tigi formalment trasferita lill-esponenti u b`hekk l-istralc tal-imsemmija *partnership* jigi formalizzat skond il-Ligi ;

“Illi dana izda ma jistax isehh jekk isem il-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 ma jergax jigi restitwit fuq ir-registru u l-istralc jerga` jinfetah biex jigi rektifikat u formalizzat skond il-Ligi ;

“Illi dina s-sitwazzjoni ma nholqitx b`konsegwenza ta` xi nuqqas da parti tal-esponenti li ghamlu dak kollu mistenni minnhom skond il-Ligi ;

“Illi huwa minnu li l-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta jikkontempla biss ir-restituzzjoni ta` isem kumpannija fuq ir-Registru u mhux ta` *partnerships*, izda

dina l-anomalija ma ghandhiex tkun ta` pregudizzju ghall-esponenti li jirrettifikaw il-pozizzjoni legali taghhom in kwantu jifformalizzaw l-assenjazzjoni tal-proprjeta` minn fuq l-imsemmija *partnership* ghal fuq isimhom, kif *del resto* kien jikkontempla l-istralc minnhom maghmul ;

“Illi l-pregudizzju li jistghu jsofru l-esponenti fin-nuqqas ta` dana l-fatt formali huwa wiehed serju u dana stante li t-trasferiment qatt ma huwa ser ikun rikonoxxut formalment bil-konsegwenza illi huma qatt ma huma ser ikunu rikonoxxuti bhala s-sidien ;

“Illi ghalhekk huwa necessarju, anzi krucjali, illi isem il-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 jerga` jigi restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga` jinfetah biex jigi rektifikat u formalizzat skont il-Ligi;

“Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tornda illi isem il-*partnership en nom collectif* bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-*partnership number* P573 jerga` jigi restitwit fuq ir-registru u li l-istralc tal-istess jerga` jinfetah biex jigi rektifikat u formalizzat skont il-Ligi u dana taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni dina l-Onorabbli Qorti.”

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Kumpaniji li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-kawza peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti, huwa jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.

“Illi l-*partnership* in kwistjoni giet stabbilita b`rizultat ta` konverzjoni ta` kumpannija u sussegwentement giet ikkancellata taht id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji 1995. Illi fl-istess Att m`hemm l-ebda provediment illi jipprovdi ghall-ftuh u ghar-rattifika tal-process ta` stralc wara illi l-isem ta` *partnership* ikun gie mhassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.

"Illi l-esponent ma jixtieqx illi jinholoq precedent abbusiv u perikoluz fejn is-socji jibdew il-process ta` stralc ta` *partnership* u jipprezentaw id-dokumentazzjoni finali ghall-kancellament tal-isem tal-*partnership* b`mod legger u qabel ma dawn ikunu accertaw ruhhom sew illi l-pendenzi u l-formalitajiet li titlob minnhom il-ligi gew verament finalizzati. Dan ghaliex ikunu taht l-impressjoni komda, illi jekk wara tinqala` l-htiega, jistghu japplikaw il-Qorti sabiex jikkoregu nuqqasijiet illi kien fid-dmir taghhom illi jiehdu hsieb qabel ma tintbaghat id-dokumentazzjoni ghax-xoljiment u konsegwentement ghat-thassir tal-isem tas-socjeta` minn fuq ir-Registru.

"Dan premess jekk dina l-Onorabbli Qorti thoss illi f`dan il-kaz partikolari ghandha taghti xi forma ta` rimedju, dan ghandu jigi akkordat biss ghar-ragunijiet u esigenzi ta` gustizzja u pratticita` u kemm-il darba ma jistax jigi provdut rimedju iehor. Tali rimedju ghandu jitqies bhala wiehed eccezzjonali u straordinarju u mhux wiehed illi jigi accettat u akkordat facilment.

"Illi dan ir-rimedju m`ghandux jitqies bhala wiehed illi jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta` traskuragni jew negligenza kommessi matul il-process ta` stralc.

"Illi l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi kwalunkwe ftuh tal-process ta` stralc ghandu jsir biss sabiex isiru l-formalitajiet kollha illi baqghu ma sarux mill-azzjonisti u ghall-ebda skop iehor.

"Illi kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dan ir-rimedju eccezzjonali ghandu jigi akkordat bhala wiehed straordinarju u fuq parametri u termini cari sabiex jigi evitat kwalunkwe element ta` abbuz jew pregudizzju ghal terzi persuni billi tigi assikurata certezza dwar l-istatus tal-*partnership*. Ghalhekk fis-sentenza ghandhom jigu stabbiliti proceduri *ad hoc* u precizi sabiex jigu konkluzi l-passi kollha mehtiega sabiex ir-Registratur ikun jista` jipprocedi kemm jista` jkun malajr ghat-thassir definittiv tas-socjeta` mir-Registru minghajr ma l-affarijiet jitwalu minghajr bzonn."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Gunju 2014, li in forza taghha cahdet it-talba tar-rikorrenti kif dedotta, bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"It-talba tar-rikorrenti taqra hekk :-

*""Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi isem* ***__il-partnership en nom collectif bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-partnership number P573 jerga` jigi restitwit fuq ir-registru__*** *u li l-istralc tal-istess jerga` jinfetah biex jigi rektifikat u formalizzat skont il-Ligi u dana taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni dina l-Onorabbli Qorti."* (enfasi u sottolinear tal-qorti).

"Fl-Art 2 il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ("Kap 386") jiddefinixxi *"socjeta` kummercjali"* ("commercial partnership" fit-test Ingliz) *bhala "kumpannija jew socjeta` kummerċjali oħra iffurmata u reġistrata taħt dan l-Att jew iffurmata u reġistrata taħt l-Ordinanza, meta applikabbli".*

"Fil-kaz tal-lum jirrizulta li A.F. Enterprises & Co **__mhijiex__** *kumpannija* **__izda__** hija *socjeta` f`isem kollettiv* li kellha n-numru P573 qabel l-isem tas-*socjeta*` thassar mir-registru.

"Fl-istess Art 2 il-Kap 386 jiddefinixxi *"kumpannija"* bhala *"kumpannija ffurmata u reġistrata taħt it-Taqsima V ta' dan l-Att jew taħt l-Ordinanza"*.

"Fil-Kap 386 il-legislatur taghna haseb ghal tliet tipi ta` socjetajiet kummercjali : 1) is-socjeta` f`isem kollettiv li hija regolata bil-Parti III tal-Kap 386 li jifrex minn Art 7 sa Art 50 ; 2) is-socjeta` *in akkomandita* li hija regolata bil-Parti IV tal-Kap 386 li jkopri minn Art 51 sa Art 66A ; u 3) il-kumpannija ta` responsabilita`

limitata li hija regolata – tista` tghid – minn parti sewwa tal-istess Kap 386 u cioe` minn Art 67 sa Art 326.

“Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw illi t-thassir tal-isem tas-*socjeta` f`isem kollettiv* fuq riferita kkaguna pregudizzju fil-konfront taghhom, u r-rimedju li qeghdin jitolbu huwa li, abbazi tal-fatti u cirkostanzi minnhom esposti fir-rikors promotorju, din il-Qorti terga` tqieghed fir-registru lis-socjeta` taghhom aktar kmieni riferita.

“Fir-rikors promotorju, ir-rikorrenti qalu hekk testwalment :-

> *““Illi huwa minnu li l-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta jikkontempla biss ir-restituzzjoni ta` isem kumpannija fuq ir-Registru u mhux ta` partnerships, izda dina l-anomalija ma ghandhiex tkun ta` pregudizzju ghall-esponenti li jirrettifikaw il-pozizzjoni legali taghhom in kwantu jifformalizzaw l-assenjazzjoni tal-proprjeta` minn fuq l-imsemmija partnership ghal fuq isimhom, kif del resto kien jikkontempla l-istralc minnhom maghmul ;*
>
> *“Illi l-pregudizzju li jistghu jsofru l-esponenti fin-nuqqas ta` dana l-fatt formali huwa wiehed serju u dana stante li t-trasferiment qatt ma huwa ser ikun rikonoxxut formalment bil-konsegwenza illi huma qatt ma huma ser ikunu rikonoxxuti bhala s-sidien ;*
>
> *“Illi ghalhekk huwa necessarju, anzi krucjali, illi isem il-partnership en nom collectif bl-isem ta` A.F. Enterprises & Co bil-partnership number P573 jerga` jigi restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga` jinfetah biex jigi rektifikat u formalizzat skont il-Ligi.”*

**“Minn ezami akkurat tal-Kap 386, jirrizulta illi l-legislatur taghna – *nolens* jew *volens* – ma pprospettax procediment *ad hoc* fejn socjeta` f`isem kollettiv <u>jew</u> socjeta` in akkomandita, li isimha jkun thassar mir-registru, wara intervent *ex lege* mir-Registratur, jista` jerga` jitqieghed fir-registru. Fi kliem aktar semplici, dak li l-legislatur pprospetta ghall-kumpanniji bl-Art 325 tal-Kap 386 ma jirrizulta <u>mkien</u> prospettat mil-legislatur ghas-socjetajiet f`isem kollettiv jew in akkomanditi.**

**“Il-Qorti tasal biex tifhem id-dilemma li jinsabu fiha r-rikorrenti. Fl-istess waqt mhijiex sejra tidhol b`ebda mod fic-cirkostanzi li wasslu lir-rikorrenti biex jiehdu dawk id-decizjonijiet li fissru fir-rikors taghhom.**

**“Dan premess il-Qorti qeghda tghid bl-aktar mod car u inekwivoku illi hija prekluza milli tkun hi l-legislatur. Ghaliex huwa ghal kollox irrilevanti dak li jahseb il-gudikant dwar x`ghandu jkun id-dritt. Il-kompitu tal-qrati f`socjeta` demokratika bhal taghna fondata fuq is-saltna tad-dritt mhuwiex li jiktbu huma l-ligi ghax dak huwa kompitu li l-Kostituzzjoni ta` pajjizna – gelozament u hekk ghandu jkun - tassenja lill-Legislatur. Il-kompitu tal-qrati fis-sistema guridiku taghna huwa li jinterpretaw r-rieda tal-legislatur u japplikaw l-ligi.**

**“Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti tistqarr bl-aktar mod car u inekwivoku li ex lege hija prekluza milli taghti konsiderazzjoni lit-talba attrici kif dedotta anke tenut kont tal-fatt illi r-ragunijiet li wasslu lill-intimat biex ihassar l-isem tas-socjeta` in kwistjoni mhux biss kienu skond il-ligi, izda ma kienu bl-ebda mod kontestati.”**

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

“… … tilqa’ dan l-appell u tirrevoka, tannulla u thassar id-decizjoni appellata fuq rikors ta’ Francis Mifsud u Anthony Mifsud (Rikors Numru: 182/2014JZM) moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-17 ta’ Gunju 2014 u konsegwentement tilqa’ t-talba tal-appellanti u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq u opportuni.”

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Kumpanija li, ghar-ragunijiet minnha spjegati, oggezzjonat ghat-talba tar-rikorrenti izda rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizulta li z-zewg rikorrenti kienu ffurmaw socjeta` *en nom collectif*, izda wara decizjoni li jxolju l-istess socjeta`, qasmu bejniethom il-proprjeta` in komuni u fi Frar tal-2011 is-socjeta` giet mhassra minn fuq ir-registru tas-socjeta`. Gara, pero`, li s-socjeta` tar-rikorrenti ma kinitx parti fuq l-att ta' divizjoni u l-proprjeta` mmobbli li kienet tas-socjeta` baqghet taghha u mhux formalment assenjata lill-wiehed jew l-iehor mir-rikorrenti. Biex issa ssir din l-assenjazzjoni u r-rikorrenti jidru bhala sidien tal-proprjeta` huwa mehtieg li din is-socjeta` terga' titqieghed fuq il-lista tas-socjetajiet attivi. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talba tar-rikorrenti ghab-bazi tal-fatt illi ma jezistix artikolu *ad hoc* fl-Att dwar il-Kumpanija li jipprovdi rimedju ghas-socjetajiet f'isem kollettiv li huwa analogu ghal dak kontemplat fl-Artikolu 325 tal-Att imsemmi li jipprovdi dan ir-rimedju ghal kumpaniji. Dik il-Qorti qalet li darba li l-Legislatur ipprovda rimedju biss ghall-kumpaniji, l-istess rimedju ma jistax jigi estiz ghal sitwazzjonijiet ohra.

Fil-principju, dan l-ahhar kumment tal-ewwel Qorti hu korrett, pero`, f'dan il-kaz ghandna sitwazzjoni fejn dan ir-rimedju, fil-kuntest ta' socjeta` *en nom collectif* li tkun giet imhassra, inghata mill-qrati, u dan ir-rimedju ma giex imhassar mil-Legislatur avvolja kellu kull opportunita` li jaghmel dan. Fil-fatt, fil-kawza **Abela v. Cachia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2003, kienet ukoll saret talba biex socjeta` *en nom collectif* terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji avolja kienet giet imhassra u t-talba giet milqugha.

Dik il-Qorti qalet hekk fuq in-nuqqas tal-ligi li tipprovdi rimedju ghat-talbiet imressqa:

> *"Ghar-rigward tal-meritu, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza li tat f'din il-kawza fit-28 ta' Gunju, 2001, kienet irriservat il-posizzjoni taghha dwar kemm hu possibli li socjeta' "struck off" minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji setghet tigi ravvivata. F'decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Dr. Leslie Grech vs Registratur tas-Socjetajiet" fid-9 ta' Ottubru, 1979, kien gie deciz li, fil-ligi taghna, ma kienx possibli li socjeta' li tkun giet dissolved tigi risucitata. Maz-zmien, pero', jidher li kien hemm ripensament, u l-istess kwistjoni giet studjata funditus minn din il-Qorti fil-kawza "Mayflower Co. Ltd. et vs Registratur tas-Socjetajiet" deciza fit-22 ta' Jannar, 1999, u din il-Qorti kienet accettat it-teorija ta' Gower, hemm kwotat, li "A contrast between the death of an individual and that of a company is that, without divine intervention, but merely by an order of the Court, a dissolved company can be resurrected".*
>
> *"Dan l-ahhar insenjament gie abbraccjat minn din il-Qorti fil-kawza "Migdal Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe" deciza fit-18 ta' Mejju, 2001, fejn intqal li kumpanija tista', fl-interess tal-kredituri, terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji avolja tkun giet imhassra.*
>
> *"Il-possibilta' li kumpanija mhassra terga' titqieghed fuq ir-Registru, gie implicitament rikonoxxut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Barbara vs El-Ferghani", deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001, fejn gie deciz li jekk amalgamazzjoni ta' zewg kumpaniji tigi dikjarata nulla, l-istess zewg kumpaniji jergghu jiehdu l-istat taghhom."*

Fil-fatt, fil-kawza **Migdal Insurance Co. Ltd v. Mizzi noe**, deciza wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju 2001, kien intqal hekk fil-kuntest tar-rimedju mitlub:

> *"Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li l-ligi ma tipprovdix ghal rimedju espressament ma jfissirx li rimedju ma jinghatax, kif inghata fil-kaz ta' Mayflower Property Co. Ltd jekk jintwera li hemm l-elementi kollha mehtiega. Jidher li, ghalkemm id-dottrina ma hix unanimi, din hija wkoll il-fehma prevalenti tal-gurisprudenza fl-interpretazzjoni tal-ligi taljana li kienet il-mudell ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali fejn din tirregola x-xoljiment u l-istralc. F'dan il-kuntest ghandu jinghad illi l-qorti ma taqbilx mar-Registratur tas-Socjetajiet meta dan fisser din is-silta mill-gabra ta' Giurisprudenza Sistematica di Diritto Civile e Commerciale:*
>
> > *""... ... ... la giurisprudenza unanime e costante della suprema Corte afferma che "la chiusura delle operazioni di liquidazione di una società ... ... ... producono l'estinzione della società, sia questa di capitali o di persone ... ... ... soltanto in quanto la situazione apparente o presuntiva risponda alla realtà di fatto della effettiva cessazione di tutti i rapporti derivanti dall'attività della società o a questi connessi".*
> >
> > *"La suprema Corte ritiene di conseguenza che, nonostante sia intervenuta la cancellazione della società, tutti i creditori possano agire nei confronti della società in persona dei suoi liquidatori."*
>
> *Ir-Registratur tas-Socjetajiet fehem l-ahhar paragrafu ta' din is-silta hekk:*
>
> > *""... ... ... il-pozizzjoni li hadu l-qrati taljani hi li l-kredituri jistghu jipprocedu kontra s-socjetà fil-persuna ta' l-istralcjarju u mkien ma ssemmi li l-kumpanija terga' tigi ravvivata."*
>
> *"Proceduri "kontra s-socjetà fil-persuna ta' l-istralcjarju" huma proceduri kontra s-socjetà; l-istralcjarju huwa biss il-persuna li tidher f'isem is-socjetà — jidher nomine mhux proprio — izda l-parti fil-proceduri tkun is-socjetà nfisha. Ladarba tkun parti fi proceduri gudizzjarji, ma jistax jinghad li s-socjetà ma tkunx ghadha tezisti."*

Dan ir-rimedju hekk ipprovdut mill-gurisprudenza lokali ma giex imnehhi mil-Legislatur, u meta l-kliem tal-ligi huwa car, mhux il-kaz ta' interpretazzjonijiet tal-ligi li jmorru aktar lil hinn mill-istess kliem tal-ligi, u lanqas ma ghandhom

ikunu prospettati teoriji ipotetici ta’ fejn il-kliem tal-ligi jista’ jwassal jew ma jwassalx. Meta l-qrati jaghtu rimedju ghal diversi istituti, relatati izda mhux marbuta ma’ xulxin, u l-Legislatur jiddeciedi li jintervjeni u jirregola hu wiehed minn dawn l-istituti, fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa, dan ma jfissirx li r-rimedju moghti lill-istituti l-ohra spicca. Kif ritenut fil-kawza **Gollcher v. Ostman**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta’ Marzu 1866:

> *“… … appartenendo al potere giudiziaro la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto della controversia, non e` di sua competenza d’incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni.”*

Kwindi, fid-dawl tad-duttrina gurisprudenzjali in materja, dak li pprovda l-Legislatur bl-Artikolu 325 tal-Att immsemmi, ma jistax jigi interpretat bhala li jeskludi r-rimedju fil-kuntest tas-socjetajiet kummercjali.

Fil-kaz, ma tirrizultax intenzjoni frawdolenti da parti tar-rikorrenti. Huwa koncepibbli l-izball li dahlu fih meta qasmu l-proprjeta` immobbli “taghhom” u ma qiesux li l-proprjeta` kienet, in parte, tas-socjeta` taghhom fejn il-membri ghandhom responsabbilta` illimitata. Huma hasbu li l-proprjeta` tas-socjeta` hija taghhom (kif fir-realta` hi) u ma hasbux biex jinkluduha bhala parti fl-att notarili ta’ divizjoni. Dan mhux kaz ta’ abbuz ta’ process, u ghalkemm ir-rikorrenti naqsu qabel ma talbu it-thassir tas-socjeta` mir-registru relattiv milli jaccertaw ruhhom illi l-affarijiet tas-socjeta` gew verament konkluzi, dan ghandu jirrifleti l-*capo spese*, u mhux ir-rimedju li ghandu jinghata.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet, premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti Francis Mifsud u Anthony Mifsud, billi tilqa' l-istess, tirrevoka u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi biex minflok tilqa' t-talba tal-istess rikorrenti kif dedotta.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------